DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .....................................       DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## IL-FESTA BIL-BANDIERI

*3 Att, 3 Xena, p.98 (f)*

## MARY

### MA JIEN IL-PALJAZZA TA' ĦADD AKTAR JIEN!

Ma ħriġt xejn. Trid tibdel dak il-liżar?

*IL-MISSIER: Tigdiblix ta! Fejn mort? Illum ma kellekx ballet. Fejn? Ma' min mort?*

*(Dejjem titni l-ħwejjeġ)* Ma mort imkien.

*IL-MISSIER: (jaħtfilha l-liżar minn idha u jarmih fl-art) Ħallik mill-qaħbeċ liżar! Fejn mort?...*

/ Għedtlek imkien! U kieku stess ħriġt? Dnub mejjet? Li kelli nagħmel hawn ġew, għamiltu! Xi tridni nibqa' nagħmel hawn: nisma' lilek tgħajjat u ttellagħna t-turġien għalxejn – għal kull skuża ta' xejn?

*IL-MISSIER: (itajrilha l-bqija tal-ħwejjeġ mitnijin) Ara ma jfettillekx tgħolli leħnek!*

/ Mel'int biss tgħollih (leħnek)? U għal kull ħaġa ta' xejn! Xbajt – qed tifhem – xbajt! Toqgħodx tisfoga fuqi dak li trid tgħid lil Marco! Issa lil dak insih! U lili ħallini fil-paċi! Ejja, neħħi dik il-paġama! Neħħiha! Inkallata pesta!... Jien għandi ħajti x'ngħix ukoll! M'iniex biss il-qaddejja tiegħek! M'iniex martek! M'iniex iz-zija Karm, lanqas! M'iniex nurse jien – ma jien il-paljazza ta' ħadd aktar jien... Tini dik il-paġama! *(IL-MISSIER u MARY jissieltu fuq is-sodda: hi tipprova tneżżagħlu l-paġama, hu ma jħallihiex. Jissieltu: hi ġġebbidlu l-paġama, hu jaħtafha minn xagħarha).*

Neħħiha! Jekk ma tneħħihiex m'iniex sa nerġa' nitla' hawn fuq – 'qas jekk twerżaq u tgħajjat kemm twerżaq u tgħajjat! Neħħiha! *(Sa fl-aħħar irnexxilha tneżżagħlu l-paġama.)* *(<200)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** .............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p. 98